# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 910

KAZ NRU. 1162

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

John Falzon

u

Domestica Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 9 ta' Jannar, 1998

**Chairman : Is-Sur Albert J. Tabone**

## 1. DAHLA

1.1 Dan il-kaz gie referit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali b'ittra datata d-29 ta' Lulju, 1997 b'referenza MHS/T1/57/97 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28(2) tal-Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

1.2 It-Tribunal zamm hames (5) seduti.

1.3 Is-sur John Falzon, li aktar 'il quddiem jissejjah l-"appellant" kien assistit mill-avukat Anglu Farrugia u s-socjeta' Domestica Ltd, li aktar 'il quddiem tissejjah il-"kumpanija" kienet rapprezentata mis-sur Leo Vassallo Cesareo, Chairman tal-kumpanija, assistit mill-avukat Andrew Borg Cardona.

1.4 Ix-xhieda kienu :

Is-sur Leo Vassallo Cesareo (imsejjah mill-kumpanija)
Is-sur Martin Bonello Cole (imsejjah mill-kumpanija)
Is-sur John Falzon (imsejjah miz-zewg partijiet)
Is-sur Tonio Gatt (imsejjah mill-appellant).

## 2. FATTI U SOTTOMISSJONIJIET

2.1 L-appellant gie mpjegat mill-kumpanija bhala Finance Manager mit-22 ta' April 1996. L-impjieg tieghu gie mitmum fis-7 ta' April 1997 u skond il-kumpanija t-temm ta' impjieg sar minhabba "redundancy".

2.2 It-tezi ta' l-appellant hi li t-temm ta' l-impjieg tieghu kien ingust u minghajr raguni valida ghaliex immedjatament wara li ntemm l-impjieg tieghu l-kumpanija mpjegat lil haddiehor biex jaghmel l-istess xoghol li kien jaghmel hu u dan ghamlitu ftit jiem biss wara li gie mitmum l-impjieg tieghu. Implicitament is-sottomissjoni kienet li ma kinetx tezisti "redundancy".

2.3 Fid-dikjarazzjoni taghha l-kumpanija stqarret li l-impjieg ta' l-appellant gie mitmum minhabba "redundancy". Il-kontenzjoni tal-kumpanija hi li l-ligi tipprekludi l-gurisdizzjoni tat-Tribunal meta t-temm ta' l-impjieg ikun konsegwenza ta' "redundancy", bil-patt li din il-prekluzjoni tapplika biss sakemm ma jkunx hemm nuqqas minn naha ta' l-employer billi jimpjega persuna ohra fi zmien sena fil-kariga li kien jokkupa l-impjegat terminat.

2.4 Il-kumpanija cahdet li ghamlet dan. Ammettiet li mpjegat terza persuna wara li ntemm l-impjieg ta' l-appellant,

biss il-persuna giet impjegata f'kariga aktar baxxa u b'paga ferm inferjuri ghal dik li kellu l-appellant. L-impjieg ta' din il-persuna wkoll gie terminat u l-kumpanija qed tmexxi bi skrivan li jiehu hsieb il-kotba u li ghandu paga ferm aktar inferjuri mhux biss minn dik ta' l-appellant imma wkoll minn dik ta' dak li dahal warajh f'kariga aktar baxxa.

2.5 Fis-sottomissjoni tieghu l-appellant semma li fl-4 ta' April, 1997 gie msejjah mid-direttur li qallu dawn l-ezatti kelmiet : "I could not afford your pay any longer" Din hassa li kienet skuza.

2.6 Mix-xhieda rrizulta li s-sur Falzon, bhala Finance Manager, kellu salarju li kien javvicina d-disa' t'elef lira Maltin (Lm9,000) u li kellu dritt ta' 2% sehem fil-profitti. Irrizulta wkoll li s-sur Tonio Gatt, li gie mpjegat ftit wara li spicca l-appellant bhala Accounts Clerk, inghata salarju ta' ftit aktar minn hames t'elef lira Maltin (Lm5,000). Is-sur Gatt xehed li bil-kemm xahrejn wara li beda jahdem mal-kumpanija hu temm l-impjieg ghall-wiehed ahjar u izjed cert.

2.7 Mix-xhieda tas-sur Martin Bonello Cole rrizulta li l-appellant kien jaghmel xoghol amministrattiv minbarra xoghol ta' "financial management". Irrizulta li x-xoghol li kien jaghmel dak li dahal warajh kien l-izjed ta' rutina u li kellu salarju inqas sew minn dak li kien jircievi s-sur Falzon. Is-sur Bonello Cole xehed ukoll li l-kumpanija kienet ilha zmien f'qaghda finanzjarja difficli. Dan jixhduh ukoll id-draft audited accounts ghas-sena li ghalqet fil-31 ta' Dicembru, 1996 u li gew ezibiti mill-kumpanija, *animo ritirandi*.

## 3. KUNSIDERAZZJONIJIET U DECIZJONI

3.1 Il-punt preliminari li kellu jigi deciz mit-Tribunal kien jekk fit-termini tal-ligi, jezistix kaz li jista' jisma' u jaghti gudizzju dwaru.

3.2 Il-ligi tipprovdi li mpjieg taht kuntratt ta' xoghol indefinit - bhal fil-kaz odjern - jista' biss jigi mitmum minhabba "redundancy" jew ghar-raguni valida u gusta. F'kazi ta' "redundancy" il-Ligi tistipula li persuna li l-impjieg taghha gie mitmum ghandha dritt li terga' tigi mpjegata fil-kariga li kienet tokkupa jekk din terga' tinholoq fi zmien sena mid-data tat-temm ta' mpjieg.

3.3 F'dan il-kaz iz-zewg partijiet jaqblu li t-temm ta' mpjieg kien ghar-raguni ta' "redundancy". Biss, minn naha ta' l-appellant gie implicitament sottomess li r-"redundancy" kienet fittizja. Dan ghaliex il-kumpanija kienet pronta timpjega persuna ohra biex tissostitwixxi l-appellant b'titolu ta' kariga divers.

3.4 It-Tribunal hu sodisfatt li s-sur Tonio Gatt, li allegatament dahal fil-kariga li kien jokkupa l-appellant ghalkemm b'"designation" diversa effettivament kien jaghmel doveri differenti minn dawk ta' l-appellant u li kien jithallas salarju sostanzjalment inqas minnu. Sodisfatt ukoll li l-kumpanija tassew kellha u ghandha problemi finanzjarji u li ma felhitx thallas is-salarju gholi tal-kariga ta' l-appellant. Ghalhekk it-Tribunal hu sodisfatt li l-impjieg ta' l-appellant intemm tassew ghar-raguni ta' "redundancy".

3.5 Fid-dawk tac-cirkostanzi kif spjegati aktar 'l fuq it-Tribunal jistqarr li ma jezistix kaz li ghandu jisma' u jiggudika dwaru.

4. **DRITTIJIET**

4.1 Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Nru. 48 ta' l-1986 it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbghin lira Maltin (Lm40) kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

---------------
**Albert J. Tabone**
**CHAIRMAN**

-------------
**Edwin Spiteri**
**A/SEGRETARJU**

mrg